## Dispożittiv

1) *Il-fatt li persuna li timpjega tiddikjara pubblikament li mhijiex se tirrekluta ħaddiema li għandhom ċerta oriġini etnika jew razzjali jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta fir-rigward tar-reklutaġġ fis-sens ta' l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplementa l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità, peress li tali dikjarazzjonijiet huma ta' tali natura li jiddisswadu b'mod serju lil ċerti kandidati milli japplikaw, u għaldaqstant li jostakolaw l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol.*

2) *Dikjarazzjonijiet pubbliċi li permezz tagħhom persuna li timpjega tgħarraf li, fil-kuntest tal-politika ta' reklutaġġ tagħha mhijiex se tirrekluta ħaddiema ta' ċerta oriġini etnika jew razzjali, huma biżżejjed sabiex tiġi preżunta, fis-sens ta' l-Artikolu 8(1) tad- Direttiva 2000/43, l-eżistenza ta' politika ta' reklutaġġ direttament diskriminatorja. Għaldaqstant, hija din il-persuna li timpjega li għandha turi li ma kienx hemm ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Tista' tagħmel dan billi turi li l-prattika reali ta' reklutaġġ ta' l-impriża ma tikkorrispondix ma' dawn id-dikjarazzjonijiet. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika li l-fatti allegati kontra l-persuna li timpjega huma stabbiliti u li għandha tevalwa jekk l-elementi ta' prova prodotti in sostenn ta' l-affermazzjonijiet ta' din il-persuna, li jgħidu li ma kisritx il-prinċipju ta' trattament ugwali, humiex suffiċjenti.*

3) *L-Artikolu 15 tad- Direttiva 2000/43/KE jeħtieġ li, anke meta mhemmx vittma identifikabbli, ir-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati biex tiġi trasposta din id-direttiva għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*

(1) ĠU C 82, 14.4.2007.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Lulju 2008 — Franco Campoli vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

**(Kawża C-71/07 P)** (1)

***(Appell — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Pensjoni — Applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni kkalkolat skond l-għoli tal-ħajja medju fl-Istat ta' residenza — Sistema tranżitorja stabbilita bir-Regolament li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal — Eċċezzjoni ta' illegalità)***

(2008/C 223/18)

*Lingwa tal-proċedura: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Appellant:* Franco Campoli (rappreżentanti: G. Vandersanden, L. Levi u S. Rodrigues, avukati)

*Appellati:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Joris u D. Martin, aġenti), Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Arpio Santacruz u I. Šulce, aġenti)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla Estiża) tad-29 ta' Novembru 2006, Campoli vs Il-Kummissjoni (T-135/05), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata t-talba għall-annullament tal-karti tal-pensjoni (pension slips) tar-rikorrent għax-xhur ta' Mejju sa Lulju 2004, safejn japplikaw għall-ewwel darba koeffiċjent ta' korrezzjoni kkalkolat illegalment skond l-għoli tal-ħajja medju fil-pajjiż ta' residenza ta' l-appellant, u mhux skond l-għoli tal-ħajja fil-belt kapitali ta' dan il-pajjiż — Effett tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal l-ġodda fuq is-sistema ta' koeffiċjenti ta' korrezzjoni — Sistema tranżitorja għall-uffiċjali li ħarġu bil-pensjoni qabel l-1 ta' Mejju 2004 — Metodu għall-kalkolu tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni u l-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali — Obbligu ta' motivazzjoni

### Dispożittiv

1) *L-appell prinċipali u l-appell inċidentali huma miċħuda.*

2) *F. Campioli, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

(1) ĠU C 117, 26.5.2007.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-17 ta' Lulju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' l-Arbeitsgericht Bonn — Il-Ġermanja) — Andrea Raccanelli vs Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften eV

**(Kawża C-94/07)** (1)

***(Artikolu 39 KE — Kunċett ta' "ħaddiem" — Organizzazzjoni mhux governattiva ta' utilità pubblika — Borża ta' studju għal kandidati għal dottorat — Kuntratt ta' impjieg — Kundizzjonijiet)***

(2008/C 223/19)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Arbeitsgericht Bonn